ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2166

tas-17 ta' Diċembru 2020

dwar id-determinazzjoni tal-ishma tal-irkant tal-Istati Membri matul il-perjodu 2021–2030 tas-Sistema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet

(notifikata bid-dokument C(2020) 8945)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3d(3) u l-Artikolu 10(2) tagħha,

Billi:

(1) Fir-rigward tal-irkantar tal-kwoti, id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) emendat l-Artikolu 10(2) u l-Anness IIa tad-Direttiva 2003/87/KE, għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Jannar 2021. F'konformità mal-Artikolu 10(2)(a) tad-Direttiva 2003/87/KE, 90 % tal-kwantità totali ta' kwoti maħruġa skont il-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/87/KE ("kwoti ġenerali") li għandhom jiġu rkantati jitqassmu fost l-Istati Membri f'ishma li huma identiċi għas-sehem tal-emissjonijiet ivverifikati skont l-EU ETS għall-2005 jew għall-medja tal-perjodu mill-2005 sal-2007, skont liema waħda tkun l-ogħla. Skont l-Artikolu 10(2)(b) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-10 % li jifdal tal-kwantità totali tal-kwoti ġenerali li jridu jiġu rkantati huma distribwiti fost ċerti Stati Membri għall-finijiet tas-solidarjetà, tat-tkabbir u tal-interkonnessjonijiet fl-Unjoni, u b'hekk jiżdied l-ammont ta' kwoti li dawk l-Istati Membri jirkantaw bil-perċentwali speċifikati fl-Anness IIa tad-Direttiva 2003/87/KE.

(2) Fl-1 ta' Frar 2020, daħal fi-seħħ il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([3]). Barra minn hekk, minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit fl-Artikolu 126 ta' dak il-Ftehim, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq għal dak il-Ftehim. Jenħtieġ li l-ishma tal-irkant tal-Istati Membri jiġu stabbiliti sabiex jitqiesu l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

(3) L-ishma tal-kwoti ġenerali tal-Istati Membri skont l-Artikolu 10(2)(a) tad-Direttiva 2003/87/KE matul il-perjodu 2021–2030 huma ddeterminati abbażi tal-istess *data* użata għall-perjodu 2013–2020, bl-eċċezzjoni tal-korrezzjonijiet li saru għall-emissjonijiet ivverifikati tal-Istati Membri għall-2005 jew għall-medja tal-perjodu mill-2005 sal-2007, irreġistrati fir-Reġistru tal-Unjoni u disponibbli fir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (EUTL) mit-30 ta' Ġunju 2020 ([4]). F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2018/2066 ([5]), il-monitoraġġ u r-rapportar kompluti, konsistenti, trasparenti u preċiżi tal-emissjonijiet tal-

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

([2]) Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 (ĠU L 76, 19.3.2018, p. 3).

([3]) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7).

([4]) Ares(2020)4979599.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1).

gassijiet serra huma fundamentali għall-funzjonament tal-EU ETS. Għalhekk, jixraq li tintuża l-aktar *data* riċenti rreġistrata fir-Reġistru tal-Unjoni u disponibbli fl-EUTL għad-determinazzjoni tal-ishma tal-irkant tal-Istati Membri tal-kwoti ġenerali. Skont l-Artikolu 35(6) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013 ([6]), l-emissjonijiet annwali vverifikati għal installazzjoni jew għal operatur tal-inġenji tal-ajru fir-Reġistru tal-Unjoni jistgħu jiġu kkoreġuti retroattivament sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2003/87/KE. Mill-2012, billi ġiet irreġistrata *data* aktar preċiża mill-operaturi tal-EU ETS fir-Reġistru tal-Unjoni u din issa hija disponibbli fl-EUTL, tali korrezzjonijiet saru għall-emissjonijiet ivverifikati fil-perjodu mill-2005 sal-2007.

(4) Skont l-Artikolu 3d(3) tad-Direttiva 2003/87/KE, l-għadd ta' kwoti maħruġa skont il-Kapitolu II tad-Direttiva 2003/87/KE ("kwoti tal-avjazzjoni") li jridu jiġu rkantati minn kull Stat Membru jenħtieġ li jkun proporzjonat mas-sehem tiegħu tal-emissjonijiet totali attribwiti għall-avjazzjoni għall-Istati Membri kollha għas-sena ta' referenza rilevanti. Għall-perjodu mill-2021 sal-2030, is-sena ta' referenza rilevanti hija l-2018 u l-kamp ta' applikazzjoni rilevanti huwa dak stabbilit bir-Regolament (UE) 2017/2392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]). Il-Kummissjoni ġabret id-*data* dwar l-emissjonijiet tal-avjazzjoni fl-2018 mill-Eurocontrol sabiex tistabbilixxi l-ishma tal-irkant tal-Istati Membri tal-kwoti tal-avjazzjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-perjodu mill-2021 sal-2030, l-ishma tal-irkant tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 3d(3) u l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2003/87/KE huma stabbiliti fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni kif ġej:

(a) Anness I: L-ishma tal-irkant tal-Istati Membri tal-kwoti maħruġa skont il-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/87/KE;

(b) Anness II: L-ishma tal-irkant tal-Istati Membri tal-kwoti maħruġa skont il-Kapitolu II tad-Direttiva 2003/87/KE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Frans TIMMERMANS
Viċi President Eżekuttiv

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 389/2013 tat-2 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi Reġistru tal-Unjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Deċiżjonijiet Nri 280/2004/KE u 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nri 920/2010 u 1193/2011 (ĠU L 122, 3.5.2013, p. 1).

([7]) Ir-Regolament (UE) 2017/2392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jitkomplew il-limitazzjonijiet attwali tal-kamp ta' applikazzjoni fl-attivitajiet tal-avjazzjoni u ssir il-preparazzjoni biex tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2021 (ĠU L 350, 29.12.2017, p. 7).

ANNESS I

Ishma tal-irkant tal-kwoti maħruġa skont il-Kapitolu III tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat	Sehem tal-irkant
L-Awstrija	1,549511512 %
Il-Belġju	2,570508102 %
Il-Bulgarija	2,683627316 %
Il-Kroazja	0,519852619 %
Ċipru	0,287177271 %
Ir-Repubblika Ċeka	5,021898139 %
Id-Danimarka	1,394176362 %
L-Estonja	0,853364580 %
Il-Finlandja	1,861257204 %
Franza	6,094561928 %
Il-Ġermanja	22,290594909 %
Il-Greċja	3,815882431 %
L-Ungerija	1,526557204 %
L-Iżlanda	0,043450983 %
L-Irlanda	1,041937115 %
L-Italja	10,521550682 %
Il-Latvja	0,200953534 %
Il-Liechtenstein	0,000972381 %
Il-Litwanja	0,433065735 %
Il-Lussemburgu	0,122010786 %
Malta	0,111715994 %
In-Netherlands	3,730700676 %
In-Norveġja	0,865251836 %
Il-Polonja	13,000319671 %
Il-Portugall	1,933850872 %
Ir-Rumanija	4,767806687 %
Is-Slovakkja	1,602124134 %
Is-Slovenja	0,485701471 %
Spanja	9,519452381 %
L-Iżvezja	0,904220479 %
Ir-Renju Unit – l-Irlanda ta' Fuq	0,245945006 %

ANNESS II

Ishma tal-irkant tal-kwoti maħruġa skont il-Kapitolu II tad-Direttiva 2003/87/KE

Stat	Sehem tal-irkant
L-Awstrija	2,124352274 %
Il-Belġju	2,884043556 %
Il-Bulgarija	0,962095516 %
Il-Kroazja	0,770787777 %
Ċipru	0,698769072 %
Ir-Repubblika Ċeka	1,021630732 %
Id-Danimarka	2,589242238 %
L-Estonja	0,269340406 %
Il-Finlandja	2,141104211 %
Franza	11,28357633 %
Il-Ġermanja	15,85911782 %
Il-Greċja	5,222468391 %
L-Ungerija	0,97207424 %
L-Iżlanda	0,912691877 %
L-Irlanda	1,928162337 %
L-Italja	12,29799421 %
Il-Latvja	0,542686113 %
Il-Litwanja	0,441761613 %
Il-Lussemburgu	0,354887922 %
Malta	0,599063928 %
In-Netherlands	4,288464549 %
In-Norveġja	4,219779278 %
Il-Polonja	2,95885866 %
Il-Portugall	3,885085782 %
Ir-Rumanija	1,861835804 %
Is-Slovakkja	0,15910511 %
Is-Slovenja	0,128561379 %
Spanja	14,8981547 %
L-Iżvezja	3,724304171 %